32004L0102

6.10.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 309/9

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/102/KE

## tal-5 ta' Ottubru 2004

## li temenda l-Annessi II, III, IV u V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/EC tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari punti (c) u (d) tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/29/KE tistipula li l-injam tal-koniferi (Coniferales), ħlief għal dak tat-*Thuja* L., fil-forma ta' kaxxi ta' l-ippakkjar, ċestuni, tankijiet, paliti, kaxxi tal-paliti jew twavel oħra tat-tagħbija, *dunnage, spacers* u *bearers* li jinkludu dawk li ma żammewx il-wiċċ tond naturali tagħhom, li joriġinaw mill-Kanada, miċ-Ċina, mill-Ġappun, mill-Korea, mit-Tajwan u mill-Istati Uniti għandha titneħħilhom il-qoxra, u l-ħofor tas-susa li jkunu ikbar minn 3 mm bejn naħa u oħra, u li jkoll-hom kontenut umdu*ż* espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, ta' inqas minn 20%, milħuq fil-ħin tal-manifattura.

(2) L-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri tal-Fitosanitarji Nru 15 fuq *Il-Linji ta' Gwida li jirregolaw il-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-kummerċ internazzjonali* ([2]) fihom miżuri fitosanitarji fir-rigward tal-moviment tal-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-forma ta' kontenituri ta' l-ippakkjar, ċestuni, tankijiet, paliti, twavel tat-tagħbija, għenuq tal-paliti u *dunnage*, immirati li jnaqqsu r-riskju ta' l-introduzzjoni u/jew tixrid tal-parassiti tal-kwarantina assoċjati mal-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam, magħmul mill-injam mhux maħdum tal-koniferi jew le, li jintuża fil-kummerċ internazzjonali. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/29/KE fuq il-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam għandhom jiġu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-istess Linji ta' Gwida.

(3) Id-dispożizzjonijiet għall-injam li joriġina mill-pajjiżi fejn il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. hija magħrufa li sseħħ għandhom ikunu mmodifikati għal trattamenti tekniċi ġodda kontra l-patoġeni u jiġu disponibbli.

(4) Id-dispożizzjonijiet għall-injam li joriġinaw mir-Russja, il-Każakstan, u t-Turkija u pajjiżi terzi oħrajn għandhom jiġu mtejba u aġġustati biex jipproteġu aħjar il-Komunità kontra l-introduzzjoni ta' l-injam li jaffettwa l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara u jittieħdu in konsiderazzjoni trattamenti tekniċi ġodda, li ġew disponibbli riċentement kontra l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-injam.

(5) Dawn il-miżuri mtejba għandhom jinkludu l-użu ta' "ċertifikat fitosanitarju" għall-prodotti ta' l-injam li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

(6) Id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-*Cryphonectria parasitica* (Murrill.) Barr. għandhom jiġu mtejba biex tittieħed in konsiderazzjoni l-informazzjoni aġġornata tal-preżenza tagħhom fil-Komunità, ir-riskju li tiġi introdotta u mxerda fil-Komunità b'injam u l-qoxra iżolata tal-*Castanea Mill.*, billi jiġu ristretti għal żoni protetti fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda, l-Isvezja u r-Renju Unit fejn kien determinat li dan l-organiżmu m'huwiex preżenti.

(7) Id-dispożizzjonijiet f'dak li jirrigwarda prodotti ta' l-injam li għandhom ikunu suġġetti għall-ispezzjoni tas-saħħa tal-pjanti fil-pajjiż ta' l-oriġini jew il-pajjiż li jikkunsinna li joriġina barra l-Komunità qabel ma jitħalla jidħol fil-Komunità jew jiċċaqlaq fil-Komunità, irid jiġi mmodifikat fid-dawl tat-tibdil magħmul fir-rekwiżiti tekniċi fuq injam bħal dan u tibdil fit-tariffa u n-nomenklatura statistika u t-Tariffa Komuni Doganali.

(8) Id-dispożizzjonijiet f'dak li jirrigwarda r-riskju ta' l-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara tal-qoxra iżolata tal-koniferi (Coniferales) li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi għandhom ikunu mmodifikati, hekk kif informazzjoni ġdida tkun disponibbli fuq it-trattament ta' qoxra iżolata bħal din, li jagħmlu ovvju r-riskju msemmi hawn fuq.

(9) L-organiżmu li jagħmel il-ħsara *Ceratocystis virescens* (Davidson) Moreau jista' jiġi l-isem li jkun ġeneralment aċċettat għall-organiżmu *Ceratocystis coerulescens* (Münch) Bakshi.

(10) L-Annessi rilevanti għad-Direttiva 2000/29/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

(11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

([1]) ĠU L 169, ta' l-10.7.2000,p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 2004/70/KE (ĠU L 127,tad-29.4.2004, p. 97)
([2]) ISPM Nru 15, Marzu 2002, FAO, Ruma

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi II, III, IV u V tad-Direttiva 2000/29/KE huma emendati skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2005, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih mal-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabelli ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu 2005.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha tkun din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam iggvernat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara li tkun ippubblikata fil- *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar l-5 ta' Ottubru 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

1. F'Anness II, Parti A, Sezzjoni I, punt (c) 4 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "4. *Ceratocystis virescens* (Davidson) Moreau | Pjanti tal- *Acer saccharum* Marsh., minbarra frott u żrieragħ, li joriġina fl-Istati Uniti u l-Kanada, injam ta' l-*Acer saccharum* Marsh., li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali, li joriġina fl-Istati Uniti u l-Kanada" |

2. F'Anness II, Parti A, Sezzjoni II, punt (c) 3, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Pjanti tal- *Castanea* Mill u *Quercus* L., intenzjonati għaż-żriegħ, minbarra żrieragħ".

3. F'Anness II, Parti B(c), il-punt li ġej jiġi miżjud qabel punt 1:

| | | |
|---|---|---|
| "01 *Cryphonectria parasitica* (Murrill.) Barr. | Injam, eskluż l-injam li m'għandux qoxra, u l-qoxra iżolata tal-*Castanea* Mill.' | CZ, DK, EL, (Kreta, Lesvos) IRL, S, RE (minbarra l- Gżira ta' Man)" |

4. F'Anness III, Parti A, punt 4 jiġi mneħħi.

5. Anness IV, Parti A, Sezzjoni I, punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 u 1.5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "1.1 Imniżżlin jew le fost il-Kodiċi-NM-f'Anness V, Parti B, injam tal- koniferi (Coniferales), ħlief dak tat- *Thuja* L., minbarra fil-forma ta':<br><br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, il-fdal ta' l-injam u skrapp miksub kollu jew parti minnu minn dawn il-koniferi,<br><br>— materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam, fil-forma ta' kontenituri ta' l-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tankijiet, u ippakkjar simili, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel tat-tagħbija oħrajn, għenuq tal-paliti, li huma attwalment użati fit-trasport ta' oġġetti ta' kull xorta,<br><br>— injam użat biex ifelles jew jgħin tagħbija li mhix ta' l-injam,<br><br>— l-injam tal- *Libocedrus decurrens* Torr. fejn ikun hemm evidenza li l-injam ikun ġie pproċessat jew immanifatturat għall-lapsijiet fejn jintuża t-trattament tas-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 82° C għall-perjodu ta' 7 – 8 ijiem,<br><br>imma li tinkludi wkoll dik li ma tkunx żammet il-wiċċ tond naturali tagħha, li toriġina mill-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, it-Tajwan u l-Istati Uniti, fejn il- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. huwa magħruf li jeżisti. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam ikun għadda minn trattament adattat:<br><br>a) tas-sħana biex jilħaq temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal ta' l-inqas 30 minuta. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan b'marka 'HT' li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti, u fuq iċ-ċertifikati kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 13.1.(ii),<br><br>jew<br><br>b) fumigazzjoni skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),<br><br>jew<br><br>c) tixrib bi pressa kimika ma' prodott approvat bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jiġi ndikat fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii), l-ingredjent effettiv, il-pressjoni (psi jew kPa) u l-konċentrazzjoni (%). |

| | |
|---|---|
| 1.2 Imniżżlin jew le fost il-Kodiċi-NM-f'Anness V, Parti B, injam tal- koniferi (Coniferales), ħlief dak tat- *Thuja* L., minbarra fil-forma ta':<br><br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp miksub kollu jew parti minnu minn dawn il-koniferi,<br><br>li joriġinaw mill-Kanada, miċ-Ċina, mill-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, it-Tajwan u l-Istati Uniti, fejn il- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. huwa magħruf li jeżisti. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam ikun għadda minn trattament adattat:<br><br>a) trattament tas-sħana biex jilħaq temperatura minima tal-qalba ta' 56°C minn ta' l-inqas 30 minuta, din ta' l-aħħar tkun indikata fuq iċ-ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 13.1.(ii),<br><br>jew<br><br>b) fumigazzjoni skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h), |
| 1.3 Imniżżlin jew le fost il-Kodiċi-NM-f'Anness V, Parti B, injam tal- koniferi (Coniferales), ħlief dak tat- *Thuja* L., minbarra fil-forma ta':<br><br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp,<br><br>— materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam, fil-forma ta' kontenituri ta' l-ippakkjar ta' kaxxi, ċestuni tan-kijiet u ppakkjar simili, paliti,kaxxi tal-paliti u twavel tat-tagħbija oħrajn, għenuq tal-paliti, li huma attwalment użati għat-trasport ta' oġġetti ta' kull xorta,<br><br>— injam użat bħala feles jew appoġġ għat-tagħbija li mhix ta' l-injam,<br><br>li joriġinaw mill-Kanada, miċ-Ċina, mil-Ġappun, mir-Repubblika tal-Korea, mil-Messiku, mit-Tajwan u mill-Istati Uniti, fejn il- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. huwa magħruf li jeżisti. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br><br>a) huwa bla qoxra,<br><br>jew<br><br>b) li għadda minn proċess ta' inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn' jew 'K.D.' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti,<br><br>jew<br><br>c) għadda minn trattament tas-sħana adattat li jilħaq temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal ta' l-inqas 30 minuta. Għandu jkun hemm evidenza ta' hekk b'marka 'HT' li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti, u fuq iċ-ċertifikati kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 13.1.(ii),<br><br>jew<br><br>d) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati imsemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),<br><br>jew<br><br>e) li jkun għadda minn tixrib ta' pressa kimika ma' prodott approvat skond il-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jiġi indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii), l-ingredjent effettiv, il-pressjoni (psi jew kPa) u l-konċentrazzjoni (%). |

| | |
|---|---|
| 1.4 Imniżżlin jew le fost il-Kodiċi-NM-f'Anness V, Parti B, injam tat- *Thuja* L., fil-forma ta':<br><br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, skart ta' l-injam u skrapp,<br><br>li joriġinaw mill-Kanada, miċ-Ċina, mill-Ġappun, mir-Repubblika tal-Korea, mill-Messiku, mit-Tajwan u mill-Istati Uniti, fejn il- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. huwa magħruf li jeżisti. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br><br>a) ġie prodott minn injam tond bla qoxra,<br><br>jew<br><br>b) li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura,<br><br>jew<br><br>c) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),<br><br>jew<br><br>d) li għadda minn trattament tas-sħana biex tintlaħaq it-temperatura tal-qalba minima ta' 56°C għal mill-inqas 30 minuta, dan ta' l-aħħar ikun indikat fuq iċ-ċertifikati imsemmija fl-Artikolu 13.1.(ii), |
| 1.5 Imniżżlin jew le fost il-Kodiċi-NM-f'Anness V, Parti B, injam tal- koniferi (Coniferales), ħlief dak tat- *Thuja* L., minbarra fil-forma ta':<br><br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp miksub kollu jew parti minnu minn dawn il-koniferi,<br><br>— materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam, fil-forma ta' kontenituri ta' l-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ippakkjar simili, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel tat-tagħbija oħrajn, għenuq tal-paliti, li huma attwalment użati għat-trasport ta' oġġetti ta' kull xorta,<br><br>— injam użat bħala feles jew appoġġ għat-tagħbija mhux ta' l-injam,<br><br>imma li jinkludi dak li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu li joriġina mir-Russja, mil-Każakstan u mit-Turkija. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br><br>a) joriġina f'żoni magħrufa li fihom m'hemmx:<br><br>— *Monochamus* spp. (mhux Ewropew)<br><br>— *Pissodes* spp. (mhux Ewropew)<br><br>— *Scolytidae* spp. (mhux Ewropew)<br><br>Iż-żona għandha tkun imsemmija fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1 (ii), taħt ir-rubrika 'post ta' l-oriġini,'<br><br>jew<br><br>b) m'għandux qoxra u m'għandux toqob tas-susa, ikkawżati mill-ġeneru *Monochamus* spp (mhux Ewropew), definit għal dan l-iskop bħala dak li huma akbar minn 3mm minn naħa għall-oħra,<br><br>jew |

c) li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li jintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn' jew 'K.D.' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti,

jew

d) għadda minn trattament tas-sħana adattat li jilħaq temperatura tal-qalba minima ta' 56°C għal ta' l-inqas 30 minuta. Għandu jkun hemm evidenza ta' hekk b'marka 'HT' li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti, u fuq iċ-ċertifikati imsemmija fl-Artikolu 13.1.(ii),

jew

e) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),

jew

f) li jkun għadda minn tixrib ta' pressa kimika ma' prodott approvat skond il-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jiġi indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii), l-ingredjent effettiv, il-pressjoni (psi jew kPa) u l-konċentrazzjoni (%).

1.6 Imniżżlin jew le fost il-Kodiċi-NM-f'Anness V, Parti B, injam tal- koniferi (Coniferales), ħlief dak fil-forma ta':

— laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp miksub kollu jew parti minnu minn dawn il-koniferi,

— materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam, fil-forma ta' kontenituri ta' l-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ppakkjar simili, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel tat-tagħbija oħrajn, għenuq tal-paliti, li huma attwalment użati għat-trasport ta' oġġetti ta' kull xorta,

Stqarrija Uffiċjali li l-injam:

a) m'għandux qoxra u m'għandux toqob tas-susa, ikkawżati mill-ġeneri *Monochamus* spp (mhux Ewropej), definiti għal dan l-iskop bħala dawk li huma akbar minn 3mm minn naħa għall-oħra,

jew

b) li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn' jew 'K.D.' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti,

— injam użat bħala feles jew appoġġ għat-tagħbija mhux ta' l-injam,

imma li jinkludi dawk li ma żammewx il-wiċċ tond naturali tagħhom, li joriġinaw f'pajjiżi terzi, minbarra:

— ir-Russja, il-Każakstan u t-Turkija,

— pajjiżi Ewropej

— il-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, it-Tajwan u l-Istati Uniti, fejn il- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. huwa magħruf li jeżisti

jew

c) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m$^3$) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),

jew

d) li jkun għadda minn tixrib ta' pressa kimika ma' prodott approvat skond il-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jiġi ndikat fuq iċ-ċertifikati imsemmija fl-Artikolu 13.1.(ii), l-ingredjent effettiv, il-pressjoni (psi jew kPa) u l-konċentrazzjoni (%).

jew

e) għadda minn trattament tas-sħana adattat li jilħaq temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal ta' l-inqas 30 minuta. Għandu jkun hemm evidenza ta' hekk b'marka 'HT' li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti, u fuq iċ-ċertifikati kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 13.1.(ii),

1.7 Imniżżlin jew le fil-Kodiċi NM elenkati f'Anness V, Parti B, injam fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp miksub sħiħ jew f'parti mill- koniferi (Coniferales), li joriġinaw mir-

— Russja, il-Każakstan u t-Turkija,

— pajjiżi mhux Ewropej minbarra l-Kanada, iċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, it-Tajwan u l-Istati Uniti, fejn il- *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Bührer) Nickle et al. huwa magħruf li jeżisti

Stqarrija Uffiċjali li l-injam:

a) joriġina f'żoni magħrufa li fihom m'hemmx:

— *Monochamus* spp. (mhux Ewropew)

— *Pissodes* spp. (mhux Ewropew)

— *Scolytidae* spp. (mhux Ewropew)

Iż-żona għandha tkun imsemmija fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1 (ii), taħt ir-rubrika 'post ta' l-oriġini',

jew

b) kien prodott minn injam tond bla qoxra,

jew

ċ) li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura.

jew

d) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza tal-fumigazzjoni billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),

jew

e) li għadda minn trattament ta' sħana adattat biex tintlaħaq it-temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal mill-inqas 30 minuta, dan ta' l-aħħar ikun indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii)"

6. F'Anness IV, Parti A, Sezzjoni I, jiżdied punt ġdid nru 2:

"2. Materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam, fil-forma ta' kontenituri ta' l-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tankijiet u ppakkjar simili, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel tat-tagħbija oħrajn, għenuq tal-paliti, li huma attwalment użati fit-trasport ta' oġġetti ta' kull xorta, ħlief għall-injam mhux maħdum ta' 6 mm jew inqas ħxuna, u injam ipproċessat prodott bil-kolla, bis-sħana u bil-pressa, jew taħlita tagħhom, li jiġi minn pajjiżi terzi, ħlief għall-Isvizzera.

Il-materjal ta' l-ippakkjar għandu:

— jkun magħmul minn injam tond bla qoxra, u

— jkun suġġett għal wieħed mill-miżuri approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' l-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru. 15 fuq *Il-Linji ta' Gwida li jirregolaw il-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-kummerċ internazzjonali*, u

— juri marka b'

a) Kodiċi tal-pajjiż ta' l-ISO b'żewġ ittri, kodiċi li tiddentifika l-produttur u l-kodiċi li tiddentifika l-miżura approvata applikata għall-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-marka kif speċifikata f' Anness II ta' l-Istandards Internazzjonali tal- FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru. 15 *Il-Linji ta' Gwida li jirregolaw il-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-kummerċ internazzjonali*. L-ittri 'DB' għandhom jiġu miżjuda mal-abbrevjazzjoni tal-miżura approvata inkluża fil-marka msemmija.

u

b) fil-każ tal-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam manifatturat, imsewwi jew reċiklat mill-1 ta' Marzu 2005, kif ukoll il-logo kif speċifikat f'Anness II ta' l-imsemmija Standards tal-FAO. B'danakollu r-rekwiżit mhux applikabbli fuq bażi temporanja sal-31 ta' Diċembru 2007 fil-każ ta' materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam immanifatturat, imsewwi jew reċiklat qabel it-28 ta' Frar 2005."

7. F'Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 2.1 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "2.1 Injam tal- *Acer saccharum* Marsh., li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, minbarra fil-forma ta':<br>— injam intenzjonat għall-produzzjoni ta' folji tal-fuljetta (*veneer sheets*),<br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp,<br>li joriġinaw mill-Istati Uniti u l-Kanada. | Stqarrija Ufiċjali li l-injam għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn' jew 'K.D.' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti," |

8. L-Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 2.2 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "2.2 Injam tal-*Acer saccharum* Marsh., intenzjonat għall-produzzjoni ta' folji tal-fuljetta, li joriġinaw fl-Istati Uniti u l-Kanada. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam joriġina fiż-żoni magħrufa li m'hemmx *Ceratocystis virescens* (Davidson) Moreau u hu intenzjonat għall-produzzjoni ta' folji tal-fuljetta." |

9. F'Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 3 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "3. L-injam tal- *Quercus* L., minbarra fil-forma ta':<br>— laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp,<br>— btieti, krietel, btieti kbar, banjijiet ta' l-injam, u prodotti oħra magħmula mill-buttar u l-partijiet tagħhom, ta' l-injam, li jinkludu dugħ *staves* fejn hemm evidenza dokumentata li l-injam kien prodott jew manifatturat bl-użu tat-trattament tas-sħana biex tintlaħaq temperatura minima ta' 176° C għal 20 minuta<br>imma li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu li joriġina mill-Istati Uniti | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br>a) huwa kwadrat biex ikun jista' jitneħħa kompletament il-wiċċ tond,<br>jew<br>b) huwa bla qoxra u l-kontenut ta' l-ilma huwa inqas minn 20 % espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa,<br>jew<br>c) m'għandux qoxra u kien iddisinfettat bi trattament adattat ta' arja sħuna jew ilma sħun,<br>jew<br>d) Jekk ikun issegat, għandu jew m'għandux residwi tal-qoxra mwaħħla li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn'- jew 'K.D.' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti," |

10. F'Anness IV, Parti A, Sezzjoni I punt 4 jiġi mneħħi.

11. L-Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 5 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "Injam tal- *Platanus* L., ħlief dak fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp, imma li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina mill-Istati Uniti u l-Armenja. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn' - jew 'K. D.' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti," |

12. L-Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 6 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| Injam tal- *Populus* L., ħlief dak fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp, imma li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, li joriġina fil-pajjiżi tal-kontinent Amerikan. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br>— huwa bla qoxra,<br>jew<br>— li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka "imnixxef fil-forn" jew "K.D" jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti, |

13. L-Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 7 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "7.1 Imniżżlin jew le fil-Kodiċi NM elenkati f'Anness V, Parti B, injam fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana fdal ta' l-injam u skrapp miksub sħiħ jew parti:<br>— *Acer saccharum* Marsh., li toriġina mill-Istati Uniti u l-Kanada,<br>— *Platanus* L., li toriġina mill-Istati Uniti u l-Armenja,<br>— *Populus* L., li toriġina mill-kontinent Amerikan. | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br>a) kien prodott minn injam tond bla qoxra,<br>jew<br>b) li għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura<br>jew<br>c) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza tal-fumigazzjoni billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/$m^3$) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),<br>jew<br>d) li għadda minn trattament tas-sħana adattat biex tintlaħaq it-temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal mill-inqas 30 minuta, dan ta' l-aħħar ikun indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii)", |

| | |
|---|---|
| 7.2 Imniżżlin jew le fil-Kodiċi NM elenkati f'Anness V, Parti B, injam fil-forma ta' laqx, partiċelli, serratura, ċana, fdal ta' l-injam u skrapp miksub sħiħ jew f'parti: | Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br><br>a) ikun għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l- 20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura.<br><br>jew<br><br>b) għadda minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza tal-fumigazzjoni billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),<br><br>jew<br><br>c) li jkun għadda minn trattament tas-sħana adattat biex tintlaħaq it-temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal mill-inqas 30 minuta, dan ta' l-aħħar ikun indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii), |

14. F'Anness IV, Parti A, Sezzjoni I, jiżdied punt ġdid nru 7.3:

| | |
|---|---|
| "7.3 Qoxra iżolata tal-koniferi (Coniferales), li toriġina f'pajjiżi mhux Ewropej | Stqarrija Uffiċjali li l-qoxra iżolata:<br><br>a) għaddiet minn fumigazzjoni adattata skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h),<br><br>jew<br><br>b) li għadda minn trattament tas-sħana adattat biex tintlaħaq it-temperatura minima tal-qalba ta' 56°C għal mill-inqas 30 minuta, dan ta' l-aħħar ikun indikat fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1.(ii)", |

15. F'Anness IV, Parti A, Sezzjoni I, jiżdied punt ġdid nru 8:

| | |
|---|---|
| "8. Injam li jintuża bħala feles jew appoġġ għat-tagħbija mhux ta' l-injam, li tinkludi dak li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu, ħlief għal injam mhux maħdum ta' 6mm ħxuna jew inqas u injam ipproċessat prodott bil-kolla, sħana u pressa, jew taħlita tagħhom, li jiġi minn pajjiżi terzi, minbarra l-Isvizzera. | L-injam għandu:<br><br>a) jkun magħmul minn injam tond bla qoxra, u |

— jkun suġġett għal wieħed mill-miżuri approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' l-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru. 15 fuq *Il-Linji ta' Gwida li jirregolaw il-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-kummerċ internazzjonali*, u

— juri l-marka b' minn ta' l-inqas il-kodiċi tal-pajjiż tal-ISO b'żewġ ittri, kodiċi li tiddentifika l-produttur u l-kodiċi li tidentifika l-miżura approvata applikata għall-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-marka kif speċifikata f' Anness II ta' l-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru. 15 *Il-Linji ta' Gwida li jirregolaw il-materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam fil-kummerċ internazzjonali*. L-ittri 'DB' għandhom jiġu miżjuda mal-abbrevjazzjoni tal-miżura approvata inkluża fil-marka msemmija.

jew fuq bażi temporanja sal-31 ta' Diċembru 2007

b) tkun magħmula mill-injam bla qoxra li m'għandux parassiti u sinjali ta' parassiti ħajjin"

16. L-Anness IV, parti A, Sezzjoni I, punt 11.1 jiġi sostitwit kif ġej:

| | |
|---|---|
| "11.01 Pjanti tal-*Quercus* L., minbarra frott u żrieragħ, li joriġinaw mill-Istati Uniti | Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-pjanti elenkati f'Anness III(A)(2), stqarrija uffiċjali li l-pjanti joriġinaw f'żoni magħrufa li fihom m'hemmx *Ceratocystis fagacearum* (Bretz) Hunt. |
| 11.1 Il-Pjanti tal-*Castanea* Mill. U l-*Quercus* L., minbarra l-frott u ż-żrieragħ, li joriġinaw f'pajjiżi mhux Ewropej | Bla ħsara għall-projbizzjonijiet applikabbli għall-pjanti mniżżla f'Annex III(A)(2) u IV(A)(I)(11.01), stqarrija uffiċjali li m'hemmx sintomi ta' *Cronartium* spp. (mhux Ewropew) ġew osservati fuq il-post tal-produzzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu mill-bidu ta' l-aħħar ċiklu komplet ta' veġetazzjoni." |

17. F'Anness IV, Parti A, Sezzjoni I, punt 12, it-test fil-kolonna tax-xellug jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"12. Pjanti tal-*Platanus* L., intenzjonati għat-tħawwil, minbarra ż-żrieragħ, li joriġinaw mill-Istati Uniti u l-Armenja."

18. F'Anness IV, Parti A, Sezzjoni II punti 1 u 3 jiġu mneħħija.

19. F'Anness IV, Parti B, jiġi miżjud punt ġdid 6.3:

| | | |
|---|---|---|
| "Injam tal- *Castanea* Mill. | a) L-injam għandu jkun bla qoxra<br><br>jew<br><br>b) Stqarrija Uffiċjali li l-injam:<br><br>i) joriġina f'żoni magħrufa li fihom m'hemmx *Cryphonectria parasitica* (Murrill.) Barr.<br><br>jew<br><br>ii) li jkun għadda mill-inxif fil-forn li għandu kontenut umdu taħt l-20%, espress bħala persentaġġ tal-materja niexfa, li tintlaħaq fi skeda adattata ta' ħin/temperatura. Għandu jkun hemm evidenza ta' dan billi jkun hemm marka 'imnixxef fil-forn' jew 'K.D' jew marka oħra li hi rikonoxxuta internazzjonalment, li titpoġġa fuq l-injam jew fuq xi tgeżwir ieħor skond l-użu kurrenti" | CZ, DK, EL, (Kreta, Lesvos) IRL, S, RE (minbarra l- "Gzira ta' Man)" |

20. F'Anness IV, Parti B, punt 14.1, il-kliem "bla ħsara għall-projbizzjonijiet applikabbli għall-qoxra elenkati f'Anness III (a)(4)" fil-kolonna tan-nofs huma mneħħija.

21. F'Anness IV, Parti B, il-punti 14.2, 14.3, 14.4, 14.5 u 14.6 il-kliem "Anness III(A)(4)," fil-kolonna tan-nofs huma mħassra.

22. F'Anness IV, Parti B, jiġi miżjud punt ġdid 14.9:

| | | |
|---|---|---|
| "Qoxra iżolata tal- *Castanea* Mill. | Stqarrija Uffiċjali li l-qoxra iżolata:<br><br>a) toriġina f'żoni magħrufa li fihom m'hemmx *Cryphonectria parasitica* (Murrill.) Barr.<br><br>jew<br><br>b) li kienet suġġetta għal fumigazzjoni jew trattament ieħor adattat kontra l- *Cryphonectria parasitica* (Murrill.) Barr skond speċifikazzjoni approvata bi qbil mal-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 18.2. Għandu jkun hemm evidenza tal-fumigazzjoni billi fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 13.1(ii) ikun indikat, l-ingredjent attiv, it-temperatura minima ta' l-injam, ir-rata (g/m³) u l-ħin ta' l-espożizzjoni (h)" | CZ, DK, EL, (Kreta, Lesvos) IRL, S, RE (minbarra l- "Gzira ta' Man)" |

23. F'Anness V, il-Parti A, Sezzjoni I, għandha tiġi emendata kif ġej:

a) Punt 1.7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.7 Injam skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(2), fejn:

a) ikun ġie miksub sħiħ jew f'parti minn *Platanus* L., li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu

u

b) jikkwalifika għal waħda minn dawn id-deskrizzjonijiet li ġejjin stabbiliti f' Anness I, Parti tnejn tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 fuq in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u fuq it-Tariffa tad-Dwana Komuni ([1])"

| Kodiċi-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 4401 10 00 | Injam tal-fjuwil, f'ħatab, f'biċċiet ta' l-injam, fi frieghi, f'għesieleġ jew f'forom simili |
| 4401 22 00 | Injam mhux tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli |
| ex 4401 30 90 | Fdal ta' l-Injam u skrapp (minbarra serratura), mhux mgħaqqad fi zkuk, trab tal-faħam, paliti jew forom simili |
| 4403 10 00 | Injam mhux raffinat, ittrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, imneżża jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut |
| ex 4403 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra njam tropikali speċifikat fis-subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), mhux raffinat, imneżża jew le mill-qoxra jew *l-ilbieba ta' l-injam,* jew kwadrat mhux irfinut, mhux trattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra |
| ex 4404 20 00 | Lasti maqsuma mhux tal-koniferi; puntali, serratizzi u arbli mhux ta' l-injam tal-koniferi, ppuntati imma mhux issegati mit-tul |
| ex 4407 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra njam tropikali speċifikat f'subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew marbut flimkien mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |

b) punt 1.8 huwa mħassar

24. F'Anness V, Parti A, Sezzjoni II, għandha tiġi emendata kif ġej:

a) Punt 1.10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.10 Injam skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 2(2), fejn:

a) ġie miksub sħiħ jew f'parti minn

— koniferi (Coniferales), eskluż l-injam li huwa bla qoxra;

— *Castanea* Mill, eskluż l-injam li huwa bla qoxra;

u

b) li huwa skond waħda mid-deskrizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fl-Anness I, it-tieni Parti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87"

| Kodiċi-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 4401 10 00 | Injam tal-fjuwil, f'ħatab, f'biċċiet ta' l-injam, fi frieghi, f'għesieleġ jew f'forom simili |
| 4401 21 00 | Injam tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli |
| 4401 22 00 | Injam mhux tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli |
| ex 4401 30 | Fdal ta' l-Injam u skrapp (minbarra serratura), mhux mgħaqqad fi zkuk, trab tal-faħam, paliti jew forom simili |
| ex 4403 10 00 | Injam mhux raffinat, ttrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, imneżża jew le mill-qoxra jew *l-ilbieba ta' l-injam*, jew kwadrat mhux irfinut |

([1]) ĠU L 256, ta' l-10.7.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 1789/2003/KE (ĠU L 281,tad-29.4.2004, p. 1).

| Kodiċi-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 4403 20 | Injam tal-koniferi mhux maħdum, mhux imneżża mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut mhux trattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra |
| ex 4403 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra njam tropikali speċifikat fis-subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), mhux maħdumin, omneżża jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut, mhux trattat biż--żebgħa, tbajja, krijożat(creosote) jew preservattivi oħra |
| ex 4404 | arbli maqsuma puntali, għud twil u arbli ta' l-injam, ippuntati, imma mhux issegati mit-tul |
| 4406 | Travi ta' l-injam (cross-ties)tal-ferrovija jew tal-linji tat-tramm |
| 4407 10 | Injam tal-koniferi, issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatalat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |
| ex 4407 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra injam tropikali speċifikat f'subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi 6 mm |

b) Punt 1.11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.11. Qoxra iżolata tal- *Castanea* Mill, u koniferi (Coniferales)".

25. L-Anness IV, parti B, Sezzjoni I, punt 2 jiġi sostitwit kif ġej:

"— *Acer saccharum* Marsh., li toriġina mill-Istati Uniti u l-Kanada,"

26. Fl-Anness V, parti B, Sezzjoni I, punt 5 l-ewwel indent jiġi sostitwit kif ġej:

"— koniferi (Coniferales), li joriġinaw minn pajjiżi mhux Ewropej"

27. L-Anness IV, parti B, Sezzjoni I, punt 6 jiġi sostitwit kif ġej:

"6. Injam skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 2(2), fejn:

a) ġie miksub sħiħ jew f'parti minn wieħed fl-ordni, genera jew speċi kif deskritt f'dan li ġej, minbarra materjal ta' l-injam għall-ippakkjar kif definit f'Anness IV, Parti A, Sezzjoni I, Punt 2:

— *Quercus* L., li jinkludi njam li ma żammx il-wiċċ tond naturali, li joriġina mill-Istati Uniti ħlief injam li huwa skond id-deskrizzjoni kif irreferuta f'(b) tal-KODIĊI NM 4416 00 00 u fejn hemm evidenza dokumentata li l-injam kien ipproċessat jew immanifatturat bl-użu tat-trattament tas-shana biex tintlaħaq temperatura minima ta'176 °C għal 20 minuta,

— *Platanus*, li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu li joriġina mill-Istati Uniti jew l-Armenja

— *Populus* L., li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu li joriġina minn pajjiżi tal-kontinent Amerikan,

— *Acer saccharum* Marsh,li jinkludi injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu li joriġina mill-Istati Uniti jew il-Kanada

— *Conifers* (Coniferales), li jinkludu injam li ma żammx il-wiċċ tond naturali tiegħu li joriġina minn pajjiżi mhux Ewropej, mill-Każakstan, mir-Russja, u mit-Turkija.

u

b) li huwa skond waħda mid-deskrizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fl-Anness I, it-tieni Parti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87"

| Kodiċi-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 4401 10 00 | Injam tal-Fjuwil, f'ħatab, f'biċċiet ta' l-injam, fi frieghi, f'għesieleġ jew f'forom simili |
| 4401 21 00 | 4401 22 00 |
| Injam tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli | Injam mhux tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli |
| 4401 30 10 | ex 4401 30 90 |
| Serratura | Fdal ta' l-Injam ieħor u skrapp, mhux mgħaqqad fi zkuk, trab tal-faħam, paliti jew forom simili |
| 4403 10 00 | Injam mhux maħdum, ttrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, strippjati jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew skwerjati raffi |
| 4403 20 | Injam tal-koniferi mhux maħdum, mhux ttrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, imneżża jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwardrat mhux irfinut |
| 4403 91 | Injam tal-ballut mhux maħdum, mhux ttrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, imneżża jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut |
| ex 4403 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra njam tropikali speċifikat fis-subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), mhux maħdum, imneżża jew le mil-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut, mhux trattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat(creosote) jew preservattivi oħra |
| ex 4404 | puntali maqsuma, għud twil u arbli ta' l-injam, ippuntati, imma mhux issegati mit-tul |
| 4406 | Travi ta' l-injam (cross-ties)tal-ferrovija jew tal-linji tat-tramm |
| 4407 10 | Injam tal-koniferi, issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatalat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |
| 4407 91 | Injam tal-ballut, issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatalat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |
| ex 4407 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra injam tropikali speċifikat f'subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |
| 4415 | KonteErituri ta' l-ippakkjar, kaxxi, tankijiet u ppakkjar simili, ta' l-injam, tankijiet tal-kejbil ta' l-injam, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel oħra tat-tagħbija, ta' l-injam, għenuq tal-paliti ta' l-injam |
| 4416 00 00 | Btieti, bramel, tankijiet, mejjilli u prodotti oħra tal-buttar u partijiet tagħhom, ta' l-injam, li jinkludu l-bċejjeċ ta' l-injam imqawwas |
| 9406 00 20 | Bini prefabbrikat ta' l-injam |

28. L-Anness V, parti B, Sezzjoni II, punt 7 jiġi sostitwit kif ġej:

"7. Injam skond it-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 2(2), fejn:

a) ġie miksub sħiħ jew f'parti minn koniferi (Coniferales), eskluż injam li m'għandux qoxra li joriġina f'pajjiżi terzi Ewropej, u *Castanea* Mill., eskluż injam li hu bla qoxra

u

b) li huwa skond waħda mid-deskrizzjonijiet li ġejjin stabbiliti f'Anness I, it-tieni Parti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87"

| Kodiċi-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 4401 10 00 | Injam tal-Fjuwil, f'ħatab, f'biċċiet ta' l-injam, fi frieghi, f'għesieleġ jew f'forom simili |
| 4401 21 00 | Injam tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli |
| 4401 22 00 | Injam mhux tal-koniferi, f'laqx jew partiċelli |
| ex 4401 30 | Fdal ta' l-Injam u skrapp (minbarra serratura), mhux mgħaqqad fi zkuk, trab tal-faħam, paliti jew forom simili |
| ex 4403 10 00 | Injam mhux maħdum, ttrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, imneżża jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut |
| ex 4403 20 | Injam tal-koniferi mhux maħdum, mhux ttrattat biż-żebgħa, tbajja, krijożat (creosote) jew preservattivi oħra, imneżża jew le mill-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut |
| ex 4403 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra njam tropikali speċifikat fis-subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), mhux maħdu, imneżża jew le mil-qoxra jew l-ilbieba ta' l-injam, jew kwadrat mhux irfinut, mhux trattat biż--żebgħa, tbajja, krijożat(creosote) jew preservattivi oħra |
| ex 4404 | puntali maqsuma, għud twil u arbli ta' l-injam, ippuntati, imma mhux issegati mit-tul |
| 4406 | Travi ta' l-injam (cross-ties)tal-ferrovija jew tal-linji tat-tramm |
| 4407 10 | Injam tal-koniferi, issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatalat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |
| ex 4407 99 | Injam mhux tal-koniferi (minbarra injam tropikali speċifikat f'subtitolu nota 1 ta' Kap 44 jew injam ieħor tropikali, ballut (*Quercus* spp.) jew fagu (*Fagus* spp.)), issegat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imwaħħal mit-tarf, ta' ħxuna li teċċedi s-6 mm |
| 4415 | Kontenituri ta' l-ippakkjar, kaxxi, tankijiet u ppakjar simili, ta' l-injam, tankijiet tal-kejbil ta' l-injam, paliti, kaxxi tal-paliti u twavel oħra tat-tagħbija, ta' l-injam, għenuq tal-paliti ta' l-injam |
| 9406 00 20 | Bini prefabbrikat ta' l-injam |

29. F'Anness V, Parti B, Sezzjoni II, jiżdied punt ġdid nru 9:

Qoxra iżolata tal-koniferi (Coniferales), li toriġina minn pajjiżi mhux Ewropej